KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
JÄÄSKINEN
ippreżentati fil-5 ta' Ġunju 2014[1]

Kawża C-117/13

Technische Universität Darmstadt
vs
Eugen Ulmer KG

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja)]

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Direttiva 2001/29/KE — Drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati — Eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet — Artikolu 5(3)(n) — Użu għal skop ta' riċerka jew studju privat ta' xogħlijiet u materjal protett ieħor — Ktieb imqiegħed għad-dispożizzjoni ta' membri individwi tal-pubbliku permezz ta' terminals speċjalizzati f'librerija aċċessibbli għall-pubbliku — Kunċett ta' 'xogħol li ma huwiex suġġett għal kundizzjonijiet ta' xiri jew ta' liċenzjar' — Dritt tal-librerija li tiddiġitalizza xogħol li jagħmel parti mill-kollezzjoni tagħha sabiex jitqiegħed għad-dispożizzjoni permezz ta' terminals speċjalizzati — Tqegħid għad-dispożizzjoni tax-xogħol permezz ta' terminals speċjalizzati li jippermettu l-istampar fuq il-karta jew il-ħażna tiegħu fuq USB stick"

I – **Introduzzjoni**

1. It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 5(3)(n) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni[2].

2. Il-kawża prinċipali hija bejn it-Technische Universität Darmstadt (iktar 'il quddiem it-"TU Darmstadt") u l-pubblikatriċi, Eugen Ulmer KG, dwar it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku minn dik tal-ewwel, permezz ta' terminals installati fil-bini ta' librerija, ta' ktieb xjentifiku li jagħmel parti mill-kollezzjoni ta' din il-librerija li d-drittijiet tal-isfruttament huma miżmuma minn Eugen Ulmer KG.

3. Id-domandi preliminari, magħmula mill-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja) jikkonċernaw librerija aċċessibbli għall-pubbliku u jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "xogħol suġġett għal kundizzjonijiet ta' xiri jew ta' liċenzjar", id-diġitalizzazzjoni ta' xogħlijiet miżmuma fil-libreriji u l-kwistjoni dwar jekk l-utenti jistgħux mhux biss jikkonsultaw (jaqraw) ix-xogħlijiet iddiġitalizzati, iżda wkoll jistampawhom fuq il-karta u jissejvjawhom fuq USB stick.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230.

4. Il-proċedura prinċipali għandha n-natura ta' proċedura "pilota". It-TU Darmstadt hija appoġġata mid-Deutscher Bibliotheksverband e. V. (federazzjoni Ġermaniża tal-libreriji) kif ukoll mill-kontroparti Ewropea ta' din tal-aħħar, l-Uffiċċju Ewropew tal-Librerija, l-Informazzjoni u d-Dokumentazzjoni (Eblida). Eugen Ulmer KG hija appoġġata mill-Börsenverein des deutschen Buchhandels (unjoni Ġermaniża tal-kummerċ tal-kotba). Dan jindika l-importanza li għandha din il-kawża għal-libreriji, l-awturi u l-pubblikaturi, b'mod partikolari l-pubblikaturi xjentifiċi [3].

II – **Il-kuntest ġuridiku**

A – *Id-dritt tal-Unjoni*

5. Il-premessi 31, 34, 36, 40 u 44 tad-Direttiva 2001/29 huma fformulati kif ġej:

"(31) Bilanċ ġust ta' drittijiet u interessi bejn il-kategoriji differenti ta' detenturi ta' drittijiet, kif ukoll bejn il-kategoriji differenti ta' detenturi ta' drittijiet u utentu [utenti] ta' materjal protett għandhom ikunu salvagwardati. L-eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet eżistenti tad-drittijiet kif stipulati mill-Istati Membri għandhom ikunu stmati mill-ġdid fl-isfond ta' l-ambjent elettroniku ġdid. Differenzi eżistenti fl-eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet ta' ċerti atti ristretti għandhom effetti diretti negattivi fuq il-funzjonament tas-suq intern tad-drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati. Dawn id-differenzi jistgħu faċilment isiru aktar notevoli bħala riżultat ta' żvilupp akbar ta' sfruttament ta' xogħolijiet li jaqsam il-fruntieri u attivitajiet transperiferali. Sabiex jiżguraw il-funzjonament sew tas-suq intern, dawn l-eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet għandhom ikunu mfissra aktar armonjożament. Il-grad ta' armonizzazzjoni tagħhom għandu jkun ibbażat fuq l-impatt tagħhom fuq il-funzjonament faċli tas-suq intern.

[…]

(34) L-Istati Membri għandhom jingħataw l-għażla li jipprovdu għal ċerti eċċezzjonijiet jew limitazzjonijiet għal każi bħal skopijiet edukattivi u xjentifiċi, għall-benefiċċju ta' istituzzjonijiet pubbliċi bħal libreriji u arkivji [...]

[…]

(36) L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal kumpens ġust għad-detenturi tad-drittijiet ukoll meta japplikaw disposizzjonijiet mhux obbligatorji dwar eċċezzjonijiet jew limitazzjonijiet li ma jinħteġux dan il-kumpens.

[…]

(40) L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal eċċezzjoni jew limitazzjoni għall-benfiċċju ta' ċerti stabbilimenti li ma jaħdmux bi qligħ, bħal libreriji aċċessibbli mill-pubbliku u istituzzjonijiet ekwivalenti, kif ukoll arkivji. B'danakollu, dan għandu jkun limitat għal ċerti każi speċjali regolati bid-dritt tar-riproduzzjoni. Din l-eċċezzjoni jew limitazzjoni m'għandhiex tirregola użu magħmul fil-kuntest ta' konsenja on-line ta' xogħolijiet protetti jew suġġett [materjal protett] ieħor. [...] Għalhekk, kuntratti jew liċenzji speċifiċi għandhom jiġu promossi li, mingħajr ma joħolqu sbilanċ, jivvaforixxu dawn l-istabbilimenti u l-finijiet ta' tixrid li jservu.

[…]

3 — Infakkar li d-diġitalizzazzjoni tax-xogħlijiet miżmuma fil-libreriji kienet, ukoll, suġġetta għal kontroversja fil-qafas tal-proġett tal-Google Book Search. Ara United States District Court, Southern District of New York, sentenza tal-14 ta' Novembru 2013 fil-kawża The Authors Guild *et al.* vs Google Inc. (05 CIV 8136), u l-.Green Paper bit-titolu "Id-Drittijiet tal-Awtur fl-Ekonomija tal-Għarfien" [COM(2008) 466 finali, p. 8].

(44) Meta japplikaw l-eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet li hemm provdut dwarhom f'din id-Direttiva, huma għandhom ikunu eżerċitati skond l-obbligi internazzjonali. Dawn l-eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet ma jistgħux jiġu applikati b'mod li jippreġudika l-interessi leġittimi tad-detentur tad-drittijiet jew li jmorru kontra l-isfruttar normali tax-xogħol tiegħu jew ta' suġġett [materjal] ieħor. Id-disposizzjonijiet ta' dawn l-eċċezzjonijiet jew limitazzjonijiet mill-Istati Membri għandhom, b'mod partikolari, jirriflettu kif inhu xieraq, l-impatt ekonomiku miżjud li dawn l-eċċezzjonijiet jistgħu jkollhom fil-kuntest ta' l-ambjent elettroniku ġdid. Għalhekk, l-iskop ta' ċerti eċċezzjonijiet jew limitazzjonijiet jista' jkollu jkun aktar limitat meta jiġi għal ċertu użu ġdid ieħor ta' xogħolijiet bid-drittijiet ta' l-awtur u suġġett [materjal protett] ieħor".

6. L-Artikolu 2 tad-Direttiva 2001/29, intitolat "Dritt ta' riproduzzjoni", jeżiġi, fil-punt (a) tiegħu, li "L-Istati Membri għandhom jipprovdu għad-dritt esklussiv li jawtorizza jew jipprojbixxi" r-riproduzzjoni, b'mod partikolari "għall-awturi, tax-xogħolijiet tagħhom".

7. L-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Id-dritt ta' komunikazzjoni lill-pubbliku ta' xogħolijiet u d-dritt li jagħmlu disponibbli għall-pubbliku suġġett [materjal protett] ieħor" jeżiġi, fil-paragrafu 1 tiegħu, b'mod partikolari li l-"Istati Membri għandhom jipprovdu lill-awturi bid-dritt esklussiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu kull komunikazzjoni lill-pubbliku tax-xogħolijiet tagħhom".

8. L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/29, intitolat "Eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet", jipprevedi fil-paragrafu 2 tiegħu:

"L-Istati Membri jistgħu jipprovdu l-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet għad-dritt ta' riproduzzjoni provdut fl-Artikolu 2 fil-każi li ġejjin:

(a) rigward riproduzzjonijiet fuq il-karta jew mezz ieħor simili, effettwat mill-użu ta' kull xorta ta' teknika fotografika jew b'xi proċess ieħor li jkollu l-istess effetti, bla ħsara għal mużika fuq il-karta, kemm-il darba li d-detenturi tad-drittijiet jirċievu kumpens ġust;

(b) rigward riproduzzjonijiet ta' kull mezz magħmula minn ċittadin fiżiku għal użu privat u għal skopijiet li huma la direttament u l-anqas indirettament kummerċjali, bil-kondizzjoni li d-detenturi jirċievu kumpens ġust li jikkunsidra li jiġu jew ma jiġux applikati miżuri teknoloġiċi msemmija fl-Artikolu 6 tax-xogħol jew tas-suġġett relatat;

(ċ) rigward l-atti speċifiċi ta' riproduzzjoni magħmula minn libreriji, stabbilimenti edukattivi jew mużewijiet jew arkivji li għandhom aċċess mill-pubbliku, li mhumiex għal vantaġġ ekonomiku jew kummerċjali dirett jew indirett;

[...]"

9. L-Artikolu 5(3) tal-imsemmija direttiva jipprovdi li:

"L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal eċċezzjonijiet jew limitazzjonijiet għad-drittijiet li hemm provdut dwarhom fl-Artikoli 2 u 3 fil-każi li ġejjin: [...]

(n) użu b'komunikazzjoni jew b'li jagħmlu disponibbli, għal skop ta' riċerka jew studju privat, lill-membri individwali tal-pubbliku [...] b'terminali għal tapposta [terminals speċjalizzati] fuq il-post ta' l-istabbilimenti msemmija fil-paragrafu 2(ċ) ta' xogħolijiet u suġġett [materjal protett] ieħor li mhumiex regolati bit-termini [kundizzjonjiet] ta' xiri jew liċenzar li jkunu fil-kollezzjonijiet tagħhom;

[...]"

10. Skont l-Artikolu 5(5) tal-istess direttiva:

"L-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet li hemm provdut dwarhom fil-paragrafi 1, 2, 3 u 4 għandhom ikunu applikati biss f'ċerti każi speċjali li ma jmorrux kontra l-isfruttament normali tax-xogħol jew suġġett [materjal protett] ieħor u ma jippreġudikawx b'mod bla raġuni l-interessi leġittimi tad-detentur tad-drittijiet."

B – *Id-dritt Ġermaniż*

11. L-Artikolu 52b tal-liġi dwar id-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati (Gesetz über Urheberrecht und verwandte Schutzrechte, Urheberrechtsgesetz), tad-9 ta' Settembru 1965[4], fil-verżjoni tagħha kif applikabbli fid-data tal-fatti fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem l-"UrhG"), huwa fformulat kif ġej:

"Ir-riproduzzjoni ta' xogħlijiet fl-istazzjonijiet għal qari elettroniku fil-libreriji pubbliċi, il-mużewijiet u l-arkivji

It-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' xogħlijiet ippubblikati li ġejjin mill-kollezzjonijiet sħaħ ta' libreriji, mużewijiet jew arkivji aċċessibbli għall-pubbliku, li ma għandhom ebda għan direttament jew indirettament ekonomiku jew ta' qligħ, u previst esklużivament fil-bini tal-istabbiliment ikkonċernat fl-istazzjonijiet għal qari elettroniku previsti għalhekk b'mod speċjali għal skopijiet ta' riċerka u studji privati, huwa awtorizzat sakemm ma jkun hemm ebda dispożizzjoni kuntrattwali li topponi dan. In-numru ta' kopji ta' xogħol magħmul aċċessibbli fl-istazzjonijiet għal qari elettroniku, fil-prinċipju, ma għandux ikun ikbar minn dak li tinkludi l-kollezzjoni sħiħa tal-istabbiliment. It-tqegħid għad-dispożizzjoni jwassal għal pagament ta' tariffa ġusta. Soċjetà ta' ġestjoni kollettiva biss tista' tinvoka t-tariffa inkwistjoni."

III – **Il-fatti tal-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

12. It-TU Darmstadt tmexxi librerija aċċessibli għall-pubbliku. Din għammret il-bini tagħha bi stazzjonijiet għal qari elettroniku li fihom qiegħdet għad-dispożizzjoni tal-pubbliku xogħlijiet mill-kollezzjoni sħiħa tal-librerija tagħha. Fost dawn kien hemm mix-xahar ta' Jannar jew ta' Frar 2009 l-manwal ta' Winfried Schulze intitolat "Einführung in die neuere Geschichte" [Introduzzjoni għall-Istorja Kontemporanja] ippubblikat minn Eugen Ulmer KG.

13. It-TU Darmstadt iddiġitalizzat dan il-ktieb biex tipprovdih fl-istazzjonijiet għal qari elettroniku[5]. L-istazzjonijiet għal qari elettroniku ma jippermettux li jiġu kkonsultati fl-istess ħin iktar kopji tax-xogħol minn dawk disponibbli fil-kollezzjoni sħiħa tal-librerija. L-utenti tal-istazzjonijiet għal qari setgħu jistampaw fuq il-karta jew jaħżnu fuq USB stick ix-xogħol sħiħ jew parti minnu u joħorġuh f'din il-forma 'l barra mil-librerija.

14. It-TU Darmstadt ma aċċettatx l-offerta ta' Eugen Ulmer KG tad-29 ta' Jannar 2009 li takkwista u tuża fil-forma ta' kotba elettroniċi ("E-books") il-manwali li hija tippubblika. Il-partijiet ma jaqblux dwar jekk l-offerta kinitx diġà ġiet ippreżentata lill-konvenuta fil-kawża prinċipali fi żmien id-diġitalizzazzjoni tal-manwal kontenzjuż jew le.

4 — BGBl. 1965 I, p. 1273.

5 — Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, it-TU Darmstadt ippreċiżat, mingħajr ma ġiet ikkontestata dwar dan il-punt minn Eugen Ulmer KG li l-fajls iddiġitalizzati ta' diversi kapitoli tal-imsemmi ktieb kienu sempliċi fajls grafiċi, li ma humiex aċċessibbli għal trattament ta' test modern (riċerka ta' test sħiħ, copy/paste, eċċ.)

15. Eugen Ulmer KG ressqet il-każ quddiem il-Landgericht Frankfurt am Main (qorti reġjonali ta' Frankfurt am Main) li qieset, b'sentenza tas-6 ta' Marzu 2011, li d-detentur tad-drittijiet u l-istabbiliment kellhom jikkonkludu ftehim minn qabel dwar l-użu diġitali tax-xogħol sabiex l-applikazzjoni tal-Artikolu 52b tal-UrhG tiġi eskluża. Din il-qorti, barra minn hekk, ċaħdet it-talba ta' Eugen Ulmer KG li kellha l-għan li tipprojbixxi lit-TU Darmstadt milli tiddiġitalizza jew li tqabbad lil min jiddiġitalizza l-manwal kontenzjuż. Madankollu din laqgħet it-talba tagħha li kellha l-għan li tipprojbixxi li l-utenti tal-librerija tat-TU Darmstadt ikunu jistgħu, permezz tal-istazzjonijiet għal qari elettroniku mgħammra fil-bini, jistampaw dan ix-xogħol u/jew jaħżnuh fuq USB stick u/jew joħorġu dawn ir-riproduzzjonijiet 'il barra mil-librerija.

16. It-TU Darmstadt ressqet rikors dirett lejn "Reviżjoni" quddiem il-Bundesgerichtshof li ddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Huma applikabbli għal xogħol il-kundizzjonijiet ta' xiri jew ta' liċenzjar, fis-sens tal-Artikolu 5(3)(n) tad-Direttiva 2001/29/KE, meta l-persuna li għandha d-dritt toffri lill-istabbilimenti msemmija f'din id-dispożizzjoni l-possibbiltà ta' konklużjoni ta' kuntratti ta' liċenzja b'kundizzjonijiet xierqa għall-użu ta' dan ix-xogħol?

2) L-Artikolu 5(3)(n) tad-Direttiva 2001/29 jawtorizza lill-Istati Membri jagħtu lill-istabbilimenti d-dritt li jiddiġitalizzaw ix-xogħlijiet fil-kollezzjonijiet tagħhom jekk dan huwa meħtieġ għat-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' dawn ix-xogħlijiet permezz ta' terminals?

3) Id-drittijiet previsti mill-Istati Membri skont l-Artikolu 5(3)(n) tad-Direttiva 2001/29/KE jistgħu saħansitra jippermettu lill-utenti tat-terminals li jistampaw fuq karta jew jaħżnu fuq ċavetta USB ix-xogħlijiet imqiegħda għad-dispożizzjoni tagħhom hemmhekk?"

17. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub mit-TU Darmstadt, Eugen Ulmer KG, mill-Gvern Ġermaniż, Taljan, Pollakk u dak Finlandiż kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea, li kollha kienu rrappreżentati waqt is-seduta tas-26 ta' Frar 2014, bl-eċċezzjoni tal-Gvern Pollakk u dak Finlandiż.

IV – **Analiżi**

A – *Fuq il-kwistjoni dwar jekk humiex applikabbli għal xogħol il-kundizzjonijiet ta' xiri jew ta' liċenzjar meta d-detentur tad-dritt joffri lill-istabbilimenti l-possibbiltà ta' konklużjoni ta' kuntratti ta' liċenzja b'kundizzjonijiet xierqa għall-użu ta' dan ix-xogħol*

18. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf, essenzjalment, jekk humiex applikabbli għal xogħol it-"termini [kundizzjonijiet] ta' xiri jew liċenzjar" fis-sens tal-Artikolu 5(3)(n) tad-Direttiva 2001/29, meta d-detentur tad-dritt joffri lil-libreriji, lill-istabbilimenti edukattivi, lill-mużewijiet jew lill-arkivji msemmija f'din id-dispożizzjoni l-possibbiltà ta' konklużjoni ta' kuntratti ta' liċenzja b'kundizzjonijiet xierqa għall-użu ta' dan ix-xogħol.

19. Il-partijiet kollha li ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub, bl-eċċezzjoni ta' Eugen Ulmer KG, jipproponu risposta fin-negattiv għal din l-ewwel domanda.

20. Il-kwistjoni li tqum minn dan hija dwar jekk is-sempliċi offerta ta' kuntratt ta' liċenzja xieraq twassalx biex ikunu applikabbli għal xogħol it-"termini [kundizzjonijiet] ta' xiri jew liċenzjar" u teskludix għalhekk eċċezzjoni bbażata fuq l-Artikolu 5(3)(n) tad-Direttiva 2001/29 jew, fil-każ kuntrarju, jekk għandux jintalab li d-detentur tad-dritt u l-istabbiliment jiftiehmu dwar dan il-punt. Skont il-qorti tar-rinviju, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ma tippermettix li jiġi eskluż kull dubju dwar ir-risposta għal din id-domanda.

21. Bħalma tosserva ġustament it-TU Darmstadt, ir-relazzjoni bejn id-drittijiet tal-isfruttament, min-naħa, u r-regoli tal-limitazzjoni, min-naħa l-oħra, toħroġ ċara mill-qari tal-premessi 45 u 51 tad-Direttiva 2001/29. Dawn tal-aħħar jipprovdu, b'mod partikolari li "[l]-eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet [...] m'għandhomx, minkejja dan, jimpedixxu t-tifsira ta' *relazzjonijiet kuntrattwali* maħsuba biex jiżguraw kumpens ġust għad-detenturi tad-drittijiet" u li "[l]-Istati Membri għandhom jippromwovu miżuri volontarji meħuda minn ftehim detenturi tad-drittijiet, *magħduda l-konklużjoni u l-implimentazzjoni ta' ftehim bejn detenturi tad-drittijiet u partijiet oħra relatati*, biex jiffaċilitaw li jilħqu l-għanijiet ta' ċerti eċċezzjonijiet jew limitazzjonijiet li hemm provdut dwarhom fil-liġi nazzjonali skond din id-Direttiva" [6].

22. Dawn iż-żewġ premessi jipprevedu mingħajr ekwivoku, fil-verżjoni Ġermaniża tagħhom, ir-relazzjonijiet kuntrattwali *eżistenti* u l-konklużjoni u l-implementazzjoni ta' ftehimiet kuntrattwali *eżistenti*, u mhux sempliċi perspettivi ta' liċenzja. Il-verżjonijiet lingwistiċi differenti tal-imsemmija premessi jikkonfermaw ukoll din l-analiżi [7].

23. Il-fatt li għandhom jiġu mħeġġa ftehimiet volontarji għalhekk ma għandu ebda effett fuq ir-rekwiżit ta' konklużjoni effettiva ta' tali ftehimiet għall-iskopijiet tad-dispożizzjoni inkwistjoni.

24. La l-interpretazzjoni sistematika u lanqas l-interpretazzjoni teleoloġika ma jwasslu għal konklużjoni differenti. Skont l-interpretazzjoni sistematika, il-portata ta' eċċezzjoni relatata ma' dritt esklużiv tal-awtur għandha tiġi interpretata b'mod strett [8]. Madankollu, dan jirrigwarda f'dan il-każ l-interpretazzjoni tal-kundizzjoni ta' applikazzjoni ta' eċċezzjoni, li tiddefinixxi x-xogħlijiet li l-eċċezzjoni hija suxxettibbli li tapplika għalihom. Il-bilanċ previst fl-Artikolu 5(5) tad-Direttiva 2001/29 jintlaħaq jew meta l-awtur u l-utent jaslu għal ftehim dwar il-kundizzjonijiet ta' xiri u ta' liċenzjar, jew meta l-benefiċjarju tal-eċċezzjoni jikkonforma mal-kundizzjonijiet limitattivi previsti mil-leġiżlatur nazzjonali fil-qafas tat-traspożizzjoni tal-imsemmija [9]. F'din il-perspettiva, l-aċċettazzjoni ta' sempliċi offerta tad-detentur tad-drittijiet tal-awtur tippermetti li l-applikazzjoni tal-imsemmija eċċezzjoni tiġi suġġetta għal deċiżjonijiet unilaterali, li, konsegwentement, tiċħad l-eċċezzjoni tal-effettività utli għall-istabbilimenti kkonċernati. L-interpretazzjoni teleoloġika, min-naħa tagħha, teżiġi wkoll, fid-dawl tal-objettiv ta' interess ġenerali segwit mil-leġiżlatur tal-Unjoni, jiġifieri l-promozzjoni tat-tixrid tal-għarfien u tal-kultura, li l-utent ikun jista' jinvoka din l-eċċezzjoni.

25. Għalhekk nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tirrispondi għall-ewwel domanda billi tgħid li l-Artikolu 5(3)(n) tad-Direttiva 2001/29, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma humiex applikabbli għal xogħol il-kundizzjonijiet ta' xiri jew ta' liċenzjar, meta d-detentur tad-dritt joffri lill-istabbilimenti msemmija f'din id-dispożizzjoni l-possibbiltà ta' konklużjoni ta' kuntratti ta' liċenzja b'kundizzjonijiet xierqa għall-użu ta' dan ix-xogħol.

B – *Fuq il-possibbiltà li l-Istati Membri jagħtu lill-istabbilimenti d-dritt li jiddiġitalizzaw ix-xogħlijiet fil-kollezzjonijiet tagħhom jekk dan huwa meħtieġ għat-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' dawn ix-xogħlijiet permezz ta' terminals speċjalizzati*

26. Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tfittex li tkun taf jekk l-Artikolu 5(3)(n) tad-Direttiva 2001/29 jawtorizzax lill-Istati Membri jagħtu lill-istabbilimenti d-dritt li jiddiġitalizzaw ix-xogħlijiet fil-kollezzjonijiet tagħhom jekk dan huwa meħtieġ għat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku permezz ta' terminals speċjalizzati.

6 — Enfasi magħmula minni.

7 — Ara, pereżempju, il-verżjoni Ingliża u dik Franċiża.

8 — Ara s-sentenza ACI Adam *et* (C-435/12, EU:C:2014:254, punti 22 u 23 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

9 — Dwar il-kapaċità tal-Istati Membri li jippreċiżaw il-portata tal-limitazzjonijiet u l-eċċezzjonijiet għad-drittijiet esklużivi tal-awtur, ara s-sentenza VG Wort *et* (C 457/11 sa C 460/11, EU:C:2013:426, punti 52 u 53).

27. Il-qorti tar-rinviju tqis li dan jidher li huwa l-każ, iżda żżid tgħid madankollu li jekk kompetenza ta' din in-natura tal-Istati Membri ma tirriżultax immedjatament mill-imsemmija dispożizzjoni bħala kompetenza annessa, din tista' tiġi dedotta mill-Artikolu 5(2)(ċ) tad-Direttiva 2001/29.

28. Il-partijiet kollha li ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub, bl-eċċezzjoni ta' Eugen Ulmer KG, huma tal-fehma li l-Artikolu 5(3)(n) tad-Direttiva 2001/29 jawtorizza lill-Istati Membri jagħtu lill-istabbilimenti d-dritt li jiddiġitalizzaw ix-xogħlijiet fil-kollezzjonijiet tagħhom, sa fejn dan ikun meħtieġ għat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-imsemmija xogħlijiet permezz ta' terminals speċjalizzati.

29. L-Artikolu 5(3)(n) tad-Direttiva 2001/29 japplika fir-rigward tal-"użu b'komunikazzjoni jew b'li jagħmlu disponibbli, għal skop ta' riċerka jew studju privat, lill-membri individwali tal-pubbliku [...] b'terminali għal tapposta [terminals speċjalizzati] fuq il-post ta' l-istabbilimenti msemmija fil-paragrafu 2(ċ) ta' xogħolijiet u suġġett [materjal protett] ieħor li mhumiex regolati bit-termini ta' xiri jew liċenzar li jkunu fil-kollezzjonijiet tagħhom".

30. Skont l-ewwel sentenza tal-imsemmi Artikolu 5(3), l-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet imsemmija fl-imsemmi paragrafu jikkonċernaw id-dritt esklużiv ta' riproduzzjoni u d-dritt esklużiv ta' komunikazzjoni ta' xogħlijiet lill-pubbliku. Fil-fatt, fost l-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet previsti fl-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2001/29, xi wħud jipprevedu espressivament id-dritt esklużiv ta' riproduzzjoni kif ukoll id-dritt esklużiv ta' komunikazzjoni [pereżempju fil-punt (ċ)], jew, tal-inqas, impliċitament [fil-punt (b)], filwaqt li oħrajn jipprevedu dritt wieħed biss [fil-punt (d)].

31. L-Artikolu 5(3)(n) tad-Direttiva 2001/29 isemmi l-komunikazzjoni u t-tqegħid għad-dispożizzjoni. Dawn iż-żewġ kunċetti jinsabu fl-Artikolu 3 ta' din id-direttiva, u b'mod iktar speċifiku f'kull wieħed mit-tliet paragrafi tiegħu. Ma jidher ebda riferiment espliċitu għad-dritt ta' riproduzzjoni fl-Artikolu 5(3)(n) tad-Direttiva 2001/29. Minn dan nikkonkludi li l-eċċezzjoni speċifika prevista fl-Artikolu 5(3)(n) tad-Direttiva 2001/29 hija prinċipalment eċċezzjoni għad-dritt esklużiv ta' komunikazzjoni, previst fl-imsemmi Artikolu 3.

32. Bħalma tindika l-Qorti tal-Ġustizzja, mill-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 jirriżulta li kull att ta' komunikazzjoni ta' xogħol lill-pubbliku għandu jiġi awtorizzat mid-detentur tad-drittijiet tal-awtur. Għaldaqstant, minn din id-dispożizzjoni jirriżulta li l-kunċett ta' komunikazzjoni lill-pubbliku jgħaqqad żewġ elementi kumulattivi, jiġifieri "att ta' komunikazzjoni" ta' xogħol u l-komunikazzjoni ta' dan ix-xogħol lill-"pubbliku". Sabiex ikun hemm "att ta' komunikazzjoni", huwa biżżejjed, b'mod partikolari, li xogħol jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku b'tali mod li l-persuni li jikkostitwixxu dan il-pubbliku jkun jista' jkollhom aċċess għalih irrispettivament minn jekk jutilizzawx din il-possibbiltà jew le[10].

33. Minn dan isegwi li, f'ċirkustanzi bħal dawk tal-kawża prinċipali, il-fatt li jiġi pprovdut aċċess lill-pubbliku li jikkonsisti f'utenti ta' terminals speċjalizzati li jinsabu fil-bini tal-libreriji pubbliċi u stabbilimenti oħra msemmija fl-Artikolu 5(2)(ċ) tad-Direttiva 2001/29, għal xogħlijiet protetti għandu jiġi kkwalifikat bħala "tqegħid għad-dispożizzjoni" u, konsegwentement, "att ta' komunikazzjoni", fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29[11].

10 — Sentenza Svensson *et* (C-466/12, EU:C:2014:76, punti 15 sa 19).

11 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Svensson *et* (EU:C:2014:76, punt 18) kif ukoll is-sentenza OSA (C-351/12, EU:C:2014:110, punt 25).

34. Madankollu, fl-istess linja ta' ħsieb, il-formulazzjoni tal-Artikolu 5(3)(n) tad-Direttiva 2001/29 tkopri wkoll, fil-fehma tiegħi, riproduzzjoni inċidentali għall-komunikazzjoni, f'dan il-każ fil-forma ta' twettiq ta' kopja diġitali ta' xogħol għall-iskopijiet tal-komunikazzjoni tiegħu jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni permezz ta' terminals speċjalizzati. Madankollu, f'dan il-każ, dan ma jirrigwardax att ta' riproduzzjoni temporanja jew inċidentali li jikkostitwixxi parti integrali u essenzjali minn proċedura teknika fis-sens tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2001/29, att li jevita d-dritt esklużiv tal-awtur li jipprevedi r-riproduzzjoni tax-xogħol [12].

35. Id-dritt meħtieġ għal atti ta' riproduzzjoni jista' jiġi bbażat ukoll fuq dispożizzjoni oħra, jiġifieri tal-Artikolu 5(2)(ċ) tad-Direttiva 2001/29. Din id-dispożizzjoni tapplika "rigward l-atti speċifiċi ta' riproduzzjoni magħmula minn libreriji, stabbilimenti edukattivi jew mużewijiet jew arkivji li għandhom aċċess mill-pubbliku, li mhumiex għal vantaġġ ekonomiku jew kummerċjali dirett jew indirett".

36. L-espressjoni "l-atti speċifiċi ta' riproduzzjoni" titlob żewġ osservazzjonijiet.

37. Fil-fehma tiegħi, din tkopri, f'dan il-kuntest, b'mod partikolari l-miżuri li jipprevedu l-protezzjoni tal-oriġinali ta' xogħlijiet li għadhom protetti, għalkemm qodma, fraġli jew rari. Madankollu, din tkopri wkoll riproduzzjoni li ssir meħtieġa fid-dawl ta' "użu b'komunikazzjoni jew b'li jagħmlu disponibbli, għal skop ta' riċerka jew studju privat, [...] b'terminali għal tapposta [terminals speċjalizzati]", previst fl-Artikolu 5(3)(n) tad-Direttiva 2001/29. Dan jista' b'mod partikolari jikkonċerna l-każ ta' xogħlijiet għal kunsultazzjoni minn numru kbir ta' studenti fil-qafas tal-istudji tagħhom u li kopji tagħhom jirriskjaw li jipprovokaw attrizzjoni sproporzjonata.

38. Madankollu, peress li dan jirrigwarda "atti speċifiċi ta' riproduzzjoni", la l-Artikolu 5(2)(ċ) tad-Direttiva 2001/29, u lanqas l-Artikolu 5(3)(n) tagħha, interpretati fid-dawl tar-regola ġenerali prevista fil-paragrafu 5 tal-imsemmi artikolu [13], ma jippermettu diġitalizzazzjoni kumplessiva ta' *kollezzjoni*, u s-suġġett ta' "l-atti speċifiċi ta' riproduzzjoni" huwa għalhekk limitat għal "xogħolijiet u suġġett [materjal protett] ieħor" *individwali*. Fil-fehma tiegħi, il-kundizzjoni ta' proporzjonalità tal-limitazzjonijiet previsti fil-paragrafu 5 tal-imsemmi artikolu teħtieġ li l-possibbiltà tal-użu ta' terminals speċjalizzati ma tiġix sfruttata sabiex jiġi evitat li jinxtara numru biżżejjed ta' kopji fiżiċi tax-xogħol billi tiġi stabbilita, pereżempju, regola bħal dik prevista mill-Artikolu 52b tal-UrhB, li skontha n-numru ta' kopji ta' xogħol magħmul aċċessibbli fl-istazzjonijiet għal qari elettroniku ma għandux ikun ikbar minn dak li tinkludi l-kollezzjoni sħiħa tal-istabbiliment.

39. Meta ma tkunx teżisti kopja diġitali ta' xogħol protett fid-dawl tal-applikazzjoni tal-Artikolu 5(3)(n) tad-Direttiva 2001/29, ikun għalhekk possibbli li titwettaq kopja, fil-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 5(2)(ċ) tad-Direttiva 2001/29. Il-komunikazzjoni ulterjuri ta' din il-kopja ta' xogħol, min-naħa tagħha, tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet iddikjarati fl-Artikolu 5(3)(n) tad-Direttiva 2001/29.

40. Nipproponi għalhekk lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-Artikolu 5(3)(n) tad-Direttiva 2001/29, interpretat fid-dawl tal-Artikolu 5(2)(ċ) tal-imsemmija direttiva, ma jopponix għall-fatt li l-Istati Membri jagħtu lill-istabbilimenti previsti f'din id-dispożizzjoni d-dritt li jiddiġitalizzaw ix-xogħlijiet fil-kollezzjonijiet tagħhom, jekk dan huwa meħtieġ għat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku permezz ta' terminals speċjalizzati.

12 — Sentenza Infopaq International (C-5/08, EU:C:2009:465, punt 60).

13 — Sentenza ACI Adam *et* (EU:C:2014:254, punt 25).

C – Fuq il-possibbiltà li l-Istati Membri jippermettu lill-utenti tat-terminals speċjalizzati li jistampaw fuq il-karta jew jaħżnu fuq USB stick ix-xogħlijiet imqiegħda għad-dispożizzjoni tagħhom hemmhekk

41. Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tfittex li tkun taf jekk id-drittijiet previsti mill-Istati Membri skont l-Artikolu 5(3)(n) tad-Direttiva 2001/29 jistgħux saħansitra jippermettu lill-utenti tat-terminals speċjalizzati li jistampaw fuq il-karta jew jaħżnu fuq USB stick ix-xogħlijiet, kollha jew parti minnhom, imqiegħda għad-dispożizzjoni tagħhom hemmhekk.

42. Il-qorti tar-rinviju tissuġġerixxi li għandha tingħata risposta affermattiva għall-ewwel parti, u risposta negattiva għat-tieni parti ta' din id-domanda. It-TU Darmstadt, min-naħa tagħha, tipproponi risposta affermattiva għaż-żewġ partijiet tad-domanda, filwaqt li l-Gvern Taljan u dak Finlandiż jipproponu risposta affermattiva għall-ewwel parti u risposta negattiva għat-tieni parti. Min-naħa l-oħra, Eugen Ulmer KG u l-Kummissjoni jipproponu risposta negattiva għaż-żewġ partijiet tad-domanda. Il-Gvern Ġermaniż huwa tal-opinjoni li d-domanda ma hijiex irregolata mill-Artikolu 5(3)(n) tad-Direttiva 2001/29, iżda mill-Artikolu (5)(2)(a) sa (ċ) tagħha, filwaqt li l-Gvern Pollakk jesponi xi kunsiderazzjonijiet mingħajr madankollu ma jipproponi risposta preċiża.

43. Fl-analiżi taż-żewġ xenarji previsti mid-domanda tal-qorti tar-rinviju, dwar il-possibbiltà għall-utenti tat-terminals speċjalizzati li jistampaw fuq il-karta jew li jniżżlu fuq USB stick xogħlijiet sħaħ jew parti minnhom li jkunu tqiegħdu għad-dispożizzjoni tagħhom, għandha ssir rabta mal-kunċett tad-dritt ta' komunikazzjoni. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, għandha tingħata interpretazzjoni wiesgħa għall-kunċett ta' komunikazzjoni prevista fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2001/29 [14], filwaqt li tiġi interpretata b'mod restrittiv kull eċċezzjoni għal dan id-dritt [15].

44. Bħalma għadni kif osservajt fil-qafas tat-tieni domanda, l-Artikolu 5(3)(n) tad-Direttiva 2001/29 jinkludi prinċipalment eċċezzjoni għad-dritt esklużiv ta' komunikazzjoni previst fl-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva.

45. Fil-qafas tal-Artikolu 5(3)(n) tad-Direttiva 2001/29, il-limitazzjoni għad-dritt ta' komunikazzjoni jikkonsisti f'użu, mingħajr awtorizzazzjoni tal-awtur, ta' xogħlijiet permezz ta' terminals speċjalizzati bit-tqegħid tagħhom għad-dispożizzjoni tal-membri tal-pubbliku b'tali mod li l-utent ikun jista' jkollu aċċess għalihom fl-istabbiliment għall-kumdità tiegħu.

46. Għandu jiġi vverifikat jekk din il-komunikazzjoni tkoprix ukoll l-issejvjar fuq USB stick u l-istampar fuq il-karta. Nindika mal-ewwel li ż-żewġ ipoteżijiet previsti ma humiex atti ta' komunikazzjoni iżda ta' riproduzzjoni. Fil-każ ta' USB stick, dan jirrigwarda ħolqien ta' kopja ta' xogħol diġitali, u fil-każ ta' kopja stampata fuq il-karta, dan jirrigwarda kopja tax-xogħol fuq mezz fiżiku.

47. F'dak li jirrigwarda, qabel kollox, l-issejvjar fuq USB stick, l-interazzjoni bejn terminal u USB stick timplika l-ħolqien, fuq il-USB stick, ta' kopja diġitali ġdida tal-kopja diġitali mħejjija mil-librerija. Huwa hawnhekk li jidħol il-kunċett ta' terminals speċjalizzati. Madankollu, id-Direttiva 2001/29 ma tippreċiżax x'tifhem b'din l-espressjoni.

48. Fil-fehma tiegħi, l-użu ta' xogħol protett — bħal xogħol letterarju, fonografiku jew ċinematografiku — permezz ta' terminals speċjalizzati jinvolvi att ta' perċezzjoni [16], permezz tal-qari, is-smigħ jew il-viżjoni immedjata, li, barra minn hekk, għandu jseħħ fil-bini tal-librerija. Għaldaqstant il-kunċett ta' terminal speċjalizzat ikopri t-tagħmir ipprovdut għal dan l-għan, u mhux soluzzjoni teknika speċifika [17].

14 — Sentenza Svensson *et* (EU:C:2014:76, punt 19) kif ukoll is-sentenza OSA (EU:C:2014:110, punt 23).

15 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Infopaq International (EU:C:2009:465, punt 56 u l-ġurisprudenza ċċitata).

16 — Sentenza VG Wort *et* (EU:C:2013:426, punt 67).

17 — Għalhekk ma narax ostakoli biex pereżempju kompjuter jew laptop ikunu jistgħu jintużaw bħala "terminal speċjalizzat". Madankollu, l-idea ta' "terminal speċjalizzat" tista' teżiġi li ċerti potenzjali tekniċi tat-tagħmir ma jkunux aċċessibbli għall-utenti fl-istabbilimenti.

49. Fil-fehma tiegħi, f'dan il-kuntest, il-kunċett ta' komunikazzjoni jeskludi mill-qafas tal-eċċezzjoni inkwistjoni, il-possibbiltà li x-xogħol jiġi ssejvjat fuq USB stick, peress li dan ma jirrigwardax komunikazzjoni mil-librerija pubblika jew stabbiliment ieħor fis-sens kif mifhum mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-ġurisprudenza tagħha, iżda l-ħolqien ta' kopja diġitali privata mill-utent. Barra minn hekk, tali riproduzzjoni ma hijiex meħtieġa biex tippreserva l-effett utli tal-eċċezzjoni meqjusa, minkejja li din tkun utli għall-utent. Tali kopja, madankollu, tista' tiġi kkupjata mill-ġdid jew imqassma online. Madankollu, l-eċċezzjoni prevista favur it-terminals speċjalizzati ma tkoprix l-att li permezz tiegħu l-librerija tagħmel il-kopja diġitali tagħha aċċessibbli għall-utent, sabiex ikun jista' joħloq kopja ulterjuri u jerfagħha fuq USB stick.

50. L-analiżi tal-istampar fuq il-karta għandha ssegwi l-istess loġika. Proċess li jwassal għal kopja (parzjali) ta' xogħol jmur lil hinn, fil-fehma tiegħi, mill-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet previsti fl-Artikolu 5(3)(n) tad-Direttiva 2001/29.

51. Minn dan nikkonkludi li l-Artikolu 5(3)(n) tad-Direttiva 2001/29 la jkopri l-issejvjar fuq USB stick u lanqas l-istampar fuq il-karta.

52. Madankollu, b'mod superfluwu, u f'dak li jikkonċerna l-istampar, nosserva wkoll dan li ġej.

53. Il-proċess tekniku modern ta' fotokopja huwa bbażat ħafna fuq id-diġitalizzazzjoni tal-oriġinal u l-istampar ta' kopja [18].

54. Skont l-Artikolu 5(2)(a) u (b) tad-Direttiva 2001/29, it-twettiq ta' fotokopji ta' xogħlijiet fi ħdan il-librerija jista' jiġi permess taħt ċerti kundizzjonijiet. Il-fotokopijers attwali jiddiġitalizzaw l-oriġinal u jistampaw fuq il-karta kopja analoġika tax-xogħol oriġinali, li huwa ekwivalenti għal riproduzzjoni fiżika tal-oriġinali wara diġitalizzazzjoni.

55. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, fis-sentenza VG Wort *et* [19], li "mill-kliem tal-Artikolu 5(2)(a) tad-Direttiva 2001/29 jirriżulta li dan ma jirreferix biss għat-teknika fotografika, iżda wkoll għal 'xi proċess ieħor li jkollu l-istess effetti', jiġifieri kwalunkwe mezz ieħor li jippermetti li jkun hemm riżultat simili għal dak miksub bit-teknika fotografika, jiġifieri r-rappreżentazzjoni analoġika ta' xogħol jew ta' materjal ieħor protett".

56. Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet tgħid li "[s]a fejn dan ir-riżultat huwa żgurat, in-numru ta' operazzjonijiet jew in-natura tat-teknika jew tat-tekniki użati waqt il-proċess ta' riproduzzjoni inkwistjoni ftit huma importanti sakemm, madankollu, id-diversi elementi jew id-diversi stadji mhux awtonomi ta' dan il-proċess uniku jaġixxu jew jiżvolġu taħt il-kontroll tal-istess persuna u l-għan tagħhom ikun li jirriproduċu x-xogħol jew il-materjal l-ieħor protett fuq il-karta jew mezz ieħor simili" [20].

57. Skont dan l-approċċ, huwa possibbli li jiġu stampati paġni ta' xogħol diġà ddiġitalizzat. Dan ix-xenarju jmur lil hinn minn dak li jipprevedi l-Artikolu 5(3)(n) tad-Direttiva 2001/29, iżda jista' jiġi kopert mill-Artikolu 5(2)(a), (b), u/jew (ċ) tad-Direttiva 2001/29. Bħalma huwa permess għal utent ta' librerija, fil-limiti stabbiliti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, li jiffotokopja l-paġni ta' xogħlijiet fiżiċi preżenti fil-kollezzjoni sħiħa, u għal librerija li tippermetti dan, l-utent jista' jistampa l-paġni ta' kopja diġitali u l-librerija tista' tippermetti dan. B'differenza għal kopja diġitali ssejvjata fuq USB stick, il-permess li jiġu

18 — Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston fil-kawża VG Wort *et* (C-457/11 sa C-460/11, EU:C:2013:34, punti 75 *et seq*), fejn tagħmel analiżi profonda tar-riproduzzjoni li tinvolvi sensiela ta' apparati.

19 — Sentenza VG Wort *et* (EU:C:2013:426, punt 68).

20 — Sentenza VG Wort *et* (EU:C:2013:426, punt 70).

stampati xogħlijiet iddiġitalizzati minn librerija jew stabbiliment ieħor previst fl-Artikolu 5(3)(n) tad-Direttiva 2001/29, ma joħloqx, f'dan ir-rigward, sitwazzjoni ġdida meta mqabbla ma' dik li fiha ma jeżisti ebda terminal speċjalizzat. Il-perikolu ta' distribuzzjoni illeċita fuq skala kbira, preżenti fil-każ ta' kopji diġitali, ma jeżistix iktar.

58. Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, nipproponi li tingħata risposta għat-tielet domanda fis-sens li d-drittijiet previsti mill-Istati Membri skont l-Artikolu 5(3)(n) tad-Direttiva 2001/29 ma jippermettux lill-utenti tat-terminals speċjalizzati li jistampaw fuq il-karta jew li jaħżnu fuq USB stick ix-xogħlijiet imqiegħda għad-dispożizzjoni tagħhom hemmhekk.

V – **Konklużjoni**

59. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula mill-Bundesgerichtshof bil-mod li ġej:

1) L-Artikolu 5(3)(n) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma humiex applikabbli għal xogħol il-kundizzjonijiet ta' xiri jew ta' liċenzjar, meta d-detentur tad-dritt joffri lill-istabbilimenti msemmija f'din id-dispożizzjoni l-possibbiltà ta' konklużjoni ta' kuntratti ta' liċenzja b'kundizzjonijiet xierqa għall-użu ta' dan ix-xogħol.

2) L-Artikolu 5(3)(n) tad-Direttiva 2001/29, interpretat fid-dawl tal-Artikolu 5(2)(ċ) tal-imsemmija direttiva, ma jopponix għall-fatt li l-Istati Membri jagħtu lill-istabbilimenti previsti f'din id-dispożizzjoni d-dritt li jiddiġitalizzaw ix-xogħlijiet fil-kollezzjonijiet tagħhom, jekk dan huwa meħtieġ għat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku permezz ta' terminals speċjalizzati.

3) Id-drittijiet previsti mill-Istati Membri skont l-Artikolu 5(3)(n) tad-Direttiva 2001/29 ma jippermettux lill-utenti tat-terminals speċjalizzati li jistampaw fuq il-karta jew li jaħżnu fuq USB stick ix-xogħlijiet imqiegħda għad-dispożizzjoni tagħhom hemmhekk.